MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 59/2008

Guzeppa Portelli

Vs

Pawlu Portelli, Maria Mifsud, Belinia Portelli.

Il-Qorti;

Din hi kawza ta' spoll li tittratta dwar il-fond numru tlettax (13), Triq Ghajn Qasab, Nadur, Ghawdex, proprjeta' tal-Gvern. Wara li nstemghu l-provi, fis-seduta tal-lum id-difensur tal-konvenuti ghaddiet lid-difensur ta' l-attrici kopja tac-cavetta tal-katnazz li twahhal mal-bieb fi Triq Gwann Camilleri, Nadur, Ghawdex. Bhalissa l-attrici, mara anzjana ta' 87 sena li tidher debboli, tghix ghand Paul u Lourdes konjugi Piscopo u qeghda fis-sodda. Fil-fatt jirrizulta li wara li kienet rikoverata l-isptar ghaliex waqghet, il-konjugi Piscopo kienu laqghuha f'darha u qeghdin jiehdu hsiebha. L-attrici kienet tghix wahedha f'kamra wahda li qeghda fis-sular ta' fuq tal-fond in

kwistjoni[1]. Minn dak li rat il-qorti[2] hu evidenti li l-attrici kienet tghix hajja semplici hafna u f'kundizzjonijiet primittivi, fejn ma kellix il-bzonnijiet bazici li kull dar hu mistenni li jkollha. Inoltre, fil-post jidher li m'hemm xejn ta' valur.

Permezz ta' nota prezentata llum, wara li nghalaq il-gbir tal-provi, l-attrici cediet it-talbiet u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Mill-provi li nstemghu m'hemmx dubju li l-attrici biss ghandha c-cavetta ghall-kmamar li hemm fis-sular ta' fuq (tasal ghalih minn tarag miftuh li hemm f'bitha). Dan il-post hu accessibbli minn Triq Ghajn Qasab u Triq Dun Gwann Camilleri. M'hemmx kontestazzjoni li l-konvenuti ahwa Portelli ghamlu katnazz mal-bieb li hemm fi Triq Dun Gwann Camilleri. Qabel sar il-katnazz jidher li wiehed seta' liberament jidhol fil-parti ta' isfel tal-fond, in kwantu l-bieb ma kienx fih serratura ghalkemm fil-parti ta' wara ghandu gangetta.

Bhalissa quddiem din il-qorti hemm pendenti kawza ohra fl-ismijiet **Giuzeppa Portelli vs Direttur Ufficcju Kongunt et** (Rikors nru: 127/2007) li giet prezentata fit-12 ta' Novembru 2007 fejn l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li hi l-inkwilina tal-fond numru tlettax (13), Triq Ghajn Qasab, Nadur, Ghawdex. F'dik il-kawza l-konvenuta Beligna Portelli (oht l-attrici) nterveniet. Hu evidenti li llum hemm kwistjoni dwar min ghandu jedd ghall-inkwilinat tal-fond.

Madankollu rrizulta bl-iktar mod car li fil-mori tal-kawza fuq imsemmija, il-konvenut Pawlu Portelli u ohtu Maria Mifsud ghamlu katnazz mal-bieb tal-fond li jaghti ghal fuq Dun Gwann Camilleri. Il-konvenut Pawlu Portelli jsostni li l-katnazz sar ghaliex il-bieb kien miftuh u wahda mic-cappetti kienet nieqsa. M'hemmx kontestazzjoni li fiz-zmien li sar il-katnazz (Mejju 2008), l-attrici kienet diga' qeghda tghix fid-dar tal-konjugi Piscopo. Fl-affidavit li

[1] L-attrici trabbiet f'dan il-post.
[2] Access li sar fit-12 ta' Novembru 2008.

ghamel Pawlu Portelli xehed: *“**Meta jiena gejt avvicinat mill-Pulizija, jiena ghdetlu illi jiena kont lest li naghti c-cavetta tal-katnazz lil Guzeppa Portelli jekk hija terga’ lura tirresjedi fil-kmamar tat-tieni sular ta’ dan il-fond**.....Il-katnazz li ghamilt jiena qatt ma gie mibdul u li kieku sibt li l-katnazz li ghamilt jien gie mibdul kont minnufih naghmel rapport lill-Pulizija.”*. Sahansitra fir-rapport tal-pulizija jinghad li l-konvenut qal li *“meta trid (l-attrici) taghmel uzu minn din il-kamra Ms. Portelli ghandha tinformah halli ikun jista jiftah il-bieb ta’ barra ghax din hja proprjeta’ tal-familja tieghu.”* (fol. 32). Il-konvenut ghamel hazin fis-sens li jekk hass li kellu jsir katnazz biex il-bieb ta’ barra jissakkar, messu ta jew permezz ta’ l-avukat ta’ fiducja tieghu[3] baghat kopja tac-cavetta lill-attrici. Hu veru li l-attrici m’hijiex tghix fil-post, pero’ hi kienet l-ahhar persuna li ghexet fih u hi biss ghad ghandha c-cavetta ghall-kmamar tas-sular ta’ fuq. Il-fatt li l-attrici m’ghadix tghix f’dan il-fond ma jfissirx li tilfet id-detenzjoni. Tant dan hu minnu li fit-12 ta’ Novembru 2007 l-attrici pprezentat kawza kontra l-Gvern sabiex jigi dikjarat li tiddetjeni l-fond b’kiri. Skond il-verzjoni li ta Pawlu Portelli fl-affidavit, ic-cavetta tinghata biss fl-eventwalita’ li l-attrici terga’ tmur tghix fil-fond in kwistjoni. Pero’ l-konvenut ma kellu qatt jiehu l-ligi b’idejh u jiddecidi jekk l-attrici ghandix dritt li jkollha cavetta peress li ma baqghetx tghix fil-post. Kien ferm imprudenti min-naha tal-konvenuti li ma jatux kopja tac-cavetta lill-attrici, iktar u iktar meta jafu li hemm kawza pendenti dwar min ghandu l-jedd ghall-kirja. Inoltre, ghalkemm il-fond jidher li hu facilment accessibbli minn fetha ohra min-naha ta’ Triq Ghajn Qasab[4], b’daqshekk ma jfissirx li spoll ma twettaqx. Minn meta sar il-katnazz mal-bieb li hemm minn Triq Dun Gwann Camilleri, l-access minn hemm ma kienx iktar possibbli.

Il-qorti m’ghandix dubju li l-kontestazzjoni vera hi bejn il-familja Piscopo u t-tfal tal-konvenuta Belinia Portelli (Lourdes Piscopo hi prima kugina tal-konvenuti Pawlu

---

[3] Minhabba li hu evidenti li hemm arja ta’ tensjoni u dizgwid bejn il-familja Piscopo u l-ahwa Portelli.

[4] F’din il-fetha hi maghluqa permezz ta’ bicciet ta’ injam maghqdin flimkien bi spazju bejn bicca ohra u li qieghed izomm f’postu b’gebla kbira fuq wara u bicca injam bejn l-art u dan l-injam. Jidher ukoll li ma fiha l-ebda sahha u wiehed jista’ facilment ighaddi minnu minghajr ebda sforz ta’ xejn.

Portelli u Maria Mifsud). Minn dak li rat il-qorti hu evidenti li s-sahha ta’ l-attrici ma tippermettilix li tkun indipendenti u li ghandha bzonn li xi hadd idur biha.

Ghal dik li hi eccezzjoni dwar l-istat mentali tal-konvenuta, ma nghatat l-ebda prova li hi nkapaci skond il-ligi li toqghod f’kawza. Anzi c-certifikati medici li pprezentat l-istess l-attrici juru l-kontra.

Fl-ahharnett il-qorti tittama li ma jinholqux iktar incidenti bla bzonn bejn dawn il-konjugi Piscopo u l-ahwa Portelli. Il-kwistjoni principali ghandha tigi determinata fil-kawza pendenti quddiem din il-qorti kif preseduta. Il-qorti taghmilha cara li jekk jerga’ jinqala’ xi incident simili ser tkun kostretta tiehu provvediment opportuni dwar id-detenzjoni ta’ dan il-fond.

Ghal dak li hu l-kap ta’ l-ispejjez il-qorti hi tal-fehma li dawn ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom il-konvenuti ghaliex kien l-agir taghhom li wassal sabiex issir kawza bla bzonn li setghet facilment tigi evitata billi tinghata kopja tac-cavetta lill-attrici hekk kif tqieghed il-katnazz mal-bieb. Pero’ minn kliem il-konvenut hu evidenti li fiz-zmien li sar il-katnazz ma kienx l-intenzjoni tal-konvenuti li jaghtu cavetta lill-attrici gialadarba ma kenitx ghadha tghix fil-fond.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri in vista tan-nota ta’ cessjoni prezentata llum mill-attrici, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------